I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# OPINJONIJIET

# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (…/…) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida), u dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar talbiet għal tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi

(2010/C 92/01)

IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, [1]

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba għal opinjoni skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 li waslet fil-15 ta' Settembru 2009 mill-Kummissjoni Ewropea;

ADOTTA L-OPINJONI LI ĠEJJA:

### I. INTRODUZZJONI

1. Fl-10 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti, jiġifieri l-Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (…/…) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna apolida), [3] u dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar talbiet għal tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-Europol għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi [4]. Il-proposti ntbagħtu mill-Kummissjoni lill-KEPD għal konsultazzjoni u waslu fil-15 ta' Settembru 2009, f'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 (minn hawn 'il quddiem "il-proposti" jew "ir-Regolament propost" u "d-Deċiżjoni proposta"). Il-KEPD rċieva wkoll il-Valutazzjoni tal-Impatt.

2. Il-KEPD jilqa' l-fatt li hu jiġi kkonsultat u jirrakkomanda li ssir referenza għal din il-konsultazzjoni fil-premessi tal-proposta, b'mod simili għal numru ta' testi leġiżlattivi oħra li l-KEPD kien ikkonsultat dwarhom, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

3. Il-KEPD għandu interess speċifiku f'dawn il-proposti, anke bil-ħsieb tas-setgħat superviżorji li jeżerċita fuq l-Unità Ċentrali tad-database tal-Eurodac, u s-superviżjoni kkoordinata li għandu jiżgura fuq is-sistema Eurodac fl-intier tagħha flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data.

(1) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
(2) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
(3) COM(2009) 342 finali.
(4) COM(2009) 344 finali.

4. Il-kwistjoni dwar l-għoti tal-aċċess għal sistemi ta' IT fuq skala kbira għall-infurzar tal-liġi diġà ġiet indirizzata mill-KEPD fil-kuntest tal-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-Eurpol ([5]). Is-suġġett tal-proposti huwa wkoll relatat mill-qrib mar-riformulazzjoni ġenerali tar-Regolament Eurodac u r-Regolament ta' Dublin li fuqhom il-KEPD ħareġ żewġ opinjonijiet fit-18 ta' Frar 2009 ([6]).

## II. KONTENUT U SFOND TAL-PROPOSTI

5. Il-proposti jistabbilixxu l-bażi għad-dritt tal-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri kif ukoll l-Europol biex jitolbu tqabbil tad-data tal-marki tas-swaba' jew kopja latenti mad-data tal-Eurodac. Tqabbil b'suċċess li jkollu bħala eżitu riżultat pożittiv mill-Eurodac ser ikun akkumpanjat mid-data kollha li tinżamm fil-Eurodac rigward il-marka tas-swaba'. Ir-rikjesti għal informazzjoni supplimentari wara riżultat pożittiv ma jkunux irregolati fil-proposti iżda huma koperti bl-istrumenti eżistenti dwar l-iskambju tal-informazzjoni dwar l-infurzar tal-liġi. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposti jkopri l-ġlieda kontra reati terroristiċi u reati kriminali serji, bħalma huma t-traffikar tal-bnedmin u tad-drogi ([7]).

6. L-Artikolu 7 tad-Direttiva proposta jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-Eurodac mill-awtoritajiet maħtura. L-aċċess huwa permess biss jekk it-tqabbil ta' bażijiet tad-data nazzjonali tal-marki tas-swaba' u tad-Databases Awtomatizzati tal-Marki tas-Swaba' skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali ([8]) jagħtu riżultati negattivi u fejn it-tqabbil huwa meħtieġ għall-ġlieda kontra reati terroristiċi jew reati kriminali serji oħra, dan it-tqabbil huwa meħtieġ f'każ speċifiku u li hemm raġunijiet konsiderevoli biex ikun ikkunsidrat li t-tqabbil ser jikkontribwixxi sostanzjalment għall-ġlieda kontra kwalunkwe reat kriminali inkwistjoni. Il-KEPD jinnota li l-Artikolu 7 ma jeħtieġx li s-suġġett tad-data li l-marki tas-swaba' tiegħu huma mitluba jkun suspettat bi kwalunke wieħed minn dawk ir-reati kriminali.

7. Ta' min ifakkar li l-objettiv tal-ħolqien tas-sistema Eurodac kien biex jiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin, li permezz tiegħu jkun possibli li jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-asil, bit-tqabbil tal-marki tas-swaba' ta' dawk li jfittxu asil u l-immigranti illegali. Is-sistema Eurodac tippermetti lill-Istati Membri jidentifikaw l-applikanti għall-asil u l-persuni li jkunu ġew arrestati waqt li jaqsmu illegalment fruntiera esterna tal-Komunità. Bit-tqabbil tal-marki tas-swaba', l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw jekk applikant għall-asil jew ċittadin barrani li nstab preżenti illegalment fi Stat Membru ikunx applika preċedentement għall-asil fi Stat Membru ieħor, jew jekk applikant għall-asil ikunx daħal it-territorju tal-Unjoni kontra l-liġi. Meta ġie adottat, ir-Regolament li jistabbilixxi l-Eurodac ma kienx ikkontempla l-aċċess għall-Eurodac lill-pulizija; il-marki tas-swaba' kienu nġabru għall-iskop speċifiku ħafna preskritt fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament Eurodac.

8. L-Artikolu 1 (2) tar-Regolament propost issa jestendi l-iskop tas-sistema tal-Eurodac u jżid l-iskop tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-proposti. Din il-bidla fl-iskop hija spjegata fil-Premessa 6 tad-Deċiżjoni proposta, li tistipula li "peress li l-Eurodac ġie stabbilit sabiex jiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Dublin, l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-prevenzjoni, ir-rintraċċar u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra jikkostitwixxi bidla fl-iskop oriġinali tal-Eurodac, u dan huwa ndħil fid-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tal-individwi li d-data personali tagħhom hija pproċessata fil-Eurodac." (traduzzjoni mhux uffiċjali)

9. L-aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-Eurodac diġà ġie annunċjat fil-passat, xi snin wara l-adozzjoni tar-Regolament Eurodac. Huwa msemmi f'dokumenti bħalma huma l-Programma tal-Aja, il-konklużjonijiet tal-Kumitat Imħallat tal-Kunsill ĠAI tat-12-13 ta' Ġunju 2007 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar effettività aħjar, interoperabbiltà u sinerġiji mtejba fost id-databases Ewropej fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern tal-24 ta' Novembru 2005 ([9]): "Fir-rigward tal-għan li jiġu miġġielda t-terroriżmu u l-kriminalità, il-Kunsill issa identifika n-nuqqas ta' aċċess mill-awtoritajiet tas-sigurtà interna għad-data tal-VIS bħala dgħjufija. L-istess jista' jingħad għad-data Eurodac jew ta' l-immigrazzjoni fis-SIS II".

10. Kif rikonoxxut kemm fil-Valutazzjoni tal-impatt kif ukoll fil-Memorandum ta' spjegazzjoni, il-proposti biex il-Eurodac isir aċċessibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi qajmu kritika konsiderevoli minn diversi partijiet interessati.

([5]) L-Opinjoni tal-20 ta' Jannar 2006 dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) mill-awtoritajiet ta' Stati Membri responsabbli għas-sigurtà interna u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (COM(2005) 600 finali), ĠU C 97, 25.04.2006, p. 6.

([6]) Opinjoni tat-18 ta' Frar 2009 dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' 'Eurodac' għall-paragun tal-marki ta' swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (KE) Nru (…/…) (li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida) COM(2008) 825 u l-Opinjoni tat-18 ta' Frar 2009 dwar il-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat (COM(2008) 820 finali),

([7]) Ara b'mod partikolari l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni proposta.

([8]) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1 , minn hawn 'il quddiem: Deċiżjoni Prüm.

([9]) COM(2005) 597 finali, para 4.6

### III. L-ENFASI TAL-OPINJONI

11. F'din l-opinjoni, il-KEPD ser janalizza l-leġittimità tal-proposti. Din l-analiżi ser twassal għall-konklużjoni li l-KEPD għandu dubji serji dwar jekk dawn il-proposti humiex leġittimi u jekk l-istrumenti leġiżlattivi għandhomx jiġu adottati abbażi ta' dawn il-proposti.

12. L-analiżi ser issir abbażi tal-punti li ġejjin:

(a) Il-punt tat-tluq: Kif jinżamm l-aħjar bilanċ bejn il-ħtieġa għas-sigurtà pubblika u d-dritt għall-protezzjoni tad-data.

(b) Il-proposti bħala kontinwazzjoni ta' żewġ tendenzi aktar ġenerali:

(i) l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi qed jiġu ffaċilitati dejjem aktar biex jużaw id-data personali ta' individwi li mhumiex direttament relatati ma' reat speċifiku u li kienet inġabret għal skopijiet oħra.

(ii) kienu proposti strumenti legali ġodda bħala żieda għal strumenti legali eżistenti, li għadhom ma ġewx implimentati kompletament. Dan iqajjem kwistjonijiet relatati man-neċessità ta' tali strumenti ġodda.

(c) Iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ attwali. Ħafna informazzjoni hija diġà disponibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'dan il-qasam.

(d) Il-proposta ser ikollha impatt prinċipalment fuq grupp vulnerabbli partikolari fis-soċjetà, jiġifieri l-applikanti għall-asil, bir-riskju ta' aktar stigmatizzazzjoni ta' dan il-grupp.

(e) Iż-żmien magħżul tal-proposti. Il-proposti huma adottati, mingħajr ma ġew mistennija żewġ bidliet importanti fil-kuntest li jista' jkollhom impatt importanti fuq il-proposti, jiġifieri l-programm ta' Stokkolma u d-dħul fis-seħħ (possibbli) tat-Trattat ta' Liżbona. Barra minn hekk, il-proposta qed issir indipendentement mir-riformulazzjoni ġenerali tar-Regolament Eurodac u r-Regolament ta' Dublin, li għandhom ikunu diskussi fil-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

(f) Il-kompatibbiltà mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

13. L-opinjoni mhux ser tanalizza d-dispożizzjonijiet sostantivi tal-proposti fid-dettall. Ġeneralment, id-dispożizzjonijiet huma ta' kwalità leġislattiva tajba. Huma abbozzati b'mod tajjeb u jiżguraw kondizzjonijiet stretti li taħthom l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Europol jistgħu jitolbu t-tqabbil ta' data ta' marki tas-swaba' ma' dawk maħżuna fil-bażi tad-data ċentrali tal-Eurodac. Madankollu, fil-paragrafi 49-50, ser isiru ftit kummenti dwar is-sustanza.

### IV. IL-PUNT TAT-TLUQ

14. Il-KEPD jixtieq jenfasizza li skambju aħjar ta' informazzjoni huwa mira ta' politika essenzjali għall-Unjoni Ewropea. Din l-enfasi fuq l-iskambju tal-informazzjoni hija ħafna aktar loġika fin-nuqqas ta' forza tal-pulizija Ewropea, sistema ta' ġustizzja kriminali Ewropea u kontroll tal-fruntieri Ewropej armonizzat kompletament. Għaldaqstant il-miżuri relatati mal-informazzjoni huma kontribut essenzjali tal-Unjoni Ewropea li jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri jindirizzaw il-kriminalità transkonfinali b'mod effettiv u jipproteġu b'mod effettiv il-fruntieri esterni. Madankollu, għandhom jikkontribwixxu mhux biss għas-sigurtà taċ-ċittadini iżda wkoll għal-libertajiet fundamentali tagħhom.

15. Fi kliem ieħor, il-gvernijiet jeħtieġu strumenti adegwati biex jiggarantixxu s-sigurtà taċ-ċittadin, iżda fis-soċjetà Ewropea tagħna huma għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin. Huwa l-kompitu tal-leġiżlatur tal-UE li jiżgura dan il-bilanċ. Il-ħtieġa għal tali bilanċ huwa ssottolinjat espliċitament mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tal-10 ta' Ġunju 2009 dwar Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini ([10]). Huwa għandu wkoll rwol sinifikanti fid-diskussjonijiet dwar programm pluriennali ġdid fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (il-'Programm ta' Stokkolma').

16. F'dan il-kuntest, huwa tajjeb li wieħed jenfasizza li l-liġi dwar il-protezzjoni tad-data bl-ebda mod ma' tippreġudika l-interessi leġittimi tal-gvernijiet għall-protezzjoni tas-sigurtà pubblika. Jekk data tkun meħtieġa għal skop speċifiku u leġittimu din tista' tintuża, fejn meħtieġ, b'miżuri addizzjonali li jipprovdu salvagwardji adegwati. Huwa essenzjali wkoll li l-informazzjoni tinġabar, tkun kondiviża u pproċessata biss abbażi ta' ħtiġijiet konkreti għas-sigurtà u b'kont meħud tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-data.

17. Il-ġlieda kontra reati terroristiċi u reati serji oħra ([11]) tista' ċertament tkun raġuni leġittima sabiex ikun permess l-ipproċessar ta' data personali, f'konformità mad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data. Madankollu, biex tkun valida, in-neċessità ta' intrużjoni għandha tkun sostnuta minn elementi ċari u li wieħed ma jistax jiċħad, u għandha tiġi ppruvata l-proporzjonalità tal-ipproċessar. Dan huwa meħtieġ aktar f'każ ta' intrużjoni estensiva fid-drittijiet tal-individwi li jikkostitwixxu grupp vulnerabbli fi bżonn ta' protezzjoni, kif previst fil-proposti.

([10]) COM(2009) 262 finali. Ara wkoll l-Opinjoni tal-KEPD tal-10 ta' Lulju 2009, paragrafu 22, dwar din il-Komunikazzjoni.

([11]) Ir-raġunijiet li għalihom huwa permess it-tqabbil tal-marki tas-swaba' taħt l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni proposta.

## V. IT-TKOMPLIJA TA' TENDENZI AKTAR ĠENERALI

*It-tendenza li jingħata lill-infurzar tal-liġi aċċess wiesa' għad-data*

18. Għandu jkun issottolinjat li l-proposti jistgħu jkunu integrati mhux biss fit-tendenza ġenerali li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jingħataw aċċess għal diversi sistemi fuq skala kbira ta' informazzjoni u identifikazzjoni, iżda wkoll għandhom jikkostitwixxu pass ulterjuri f'tendenza lejn l-għoti ta' aċċess lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal data ta' individwi li bi prinċipju mhumiex suspettati li jikkommettu reat. Barra minn hekk, huwa jikkonċerna data li nġabret għal skopijiet li mhumiex relatati mal-ġlieda kontra l-kriminalità. Eżempji reċenti huma:

— id-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' netwerks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE ([12]).

— id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tar-rintraċċar u tal-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra ([13]).

— Il-proposta għal Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-użu ta' Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għal finijiet tal-infurzar tal-liġi ([14]).

19. Fl-opinjonijiet tiegħu relatati ma' dawn l-inizjattivi, il-KEPD ħa approċċ kritiku lejn l-għoti tal-aċċess lill-infurzar tal-liġi għal data personali ta' individwi li mhumiex suspettati bi kwalunkwe reat u li nġabru għal skopijiet oħra. Il-KEPD enfasizza l-ħtieġa li tingħata ġustifikazzjoni adatta u biex jiġu ssodisfati t-testijiet tan-neċessità u l-proporzjonalità. Fl-opinjoni tiegħu dwar il-PNR, huwa fakkar ukoll fil-pass lejn soċjetà ta' sorveljanza totali.

20. Dan l-approċċ kien speċifikat fl-Opinjoni tal-KEPD dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2009 dwar Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadin ([15]). L-opinjoni titlob li tkun indirizzata speċifikament fil-Programm ta' Stokkolma t-tendenza li tintuża informazzjoni miġbura għal skopijiet oħra. Huma meħtieġa kondizzjonijiet stretti, bħall-kondizzjoni li talbiet għal data għandhom ikunu proporzjonati, immirati ristrettivament u fil-prinċipju bbażati fuq suspetti fuq persuni speċifiċi.

*Il-ħtieġa għal dibattitu ġenerali dwar l-aċċess lilll-infurzar tal-liġi*

21. Din l-opinjoni għandha tidher ukoll fil-kuntest ta' dibattitu usa' dwar il-futur tal-iskambju tal-informazzjoni tal-UE u t-tendenza li żdiedet ta' aċċess għal bażijiet tad-data kbar għall-infurzar tal-liġi. Il-KEPD jieħu din l-opportunità biex jenfasizza l-ħtieġa għal valutazzjoni każ b'każ ta' kull proposta ta' dan it-tip u għal viżjoni koerenti, komprensiva u orjentata lejn il-futur dwar din il-kwistjoni, preferibbilment b'relazzjoni mal-programm ta' Stokkolma.

22. Illum il-ġurnata, aktar minn qatt qabel, hemm ħtieġa ċara għal riflessjoni profonda dwar kif għandhom ikunu l-iskambju ta' informazzjoni tal-UE u s-sistemi tal-informatika fuq skala kbira. Din ir-riflessjoni għandha tieħu kont debitu kemm tal-ispejjeż għall-privatezza kif ukoll tal-effettività għall-infurzar tal-liġi, l-ewwel meta jiġu proposti u diskussi strumenti ġodda, iżda wkoll wara li dawk l-istrumenti jkunu ġew implimentati, permezz ta' reviżjonijiet perjodiċi. Din hija wkoll kwistjoni li teħtieġ salvagwardji mfasslin apposta u aktar enfasi fuq il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop. Din il-viżjoni għandha tinkludi riflessjoni dwar id-dħul fis-seħħ (possibbli) tat-Trattat ta' Liżbona u l-implikazzjonijiet tiegħu fuq is-sistemi bbażati fuq il-bażi legali tal-Ewwel u t-Tielet Pilastri.

*Evalwazzjoni tal-istrumenti eżistenti*

23. Il-proposti attwali kienu adottati b'żieda ma' strumenti legali eżistenti użati għal konsultazzjoni ta' marki tas-swaba', li għadhom ma ġewx implimentati kompletament. Il-KEPD jindika f'dan il-kuntest partikolarment id-Deċiżjoni Prüm ([16]), li ser tkun implimentata mill-Istati Membri sa' Ġunju 2011. Abbażi ta' din id-Deċiżjoni l-Istati Membri jagħtu lil xulxin aċċess awtomatizzat fost l-oħrajn għas-Sistemi Awtomatizzati ta' Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' (AFIS) nazzjonali fuq il-bażi ta' sistema hit/no hit. Jekk tiftixa abbażi tad-Deċiżjoni Prüm tipproduċi riżultat pożittiv, informazzjoni supplimentari, inkluż data personali, tista' tinkiseb fl-Istat Membru li rreġistra l-marki tas-swaba' fl-AFIS nazzjonali tiegħu billi juża l-liġi nazzjonali, inkluż permezz ta' għajnuna legali reċiproka.

([12]) ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54. Opinjoni tal-KEPD tas-26 ta' Settembru 2005, ĠU C 298, 29.11.2005, p. 1.
([13]) ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129.
([14]) Għadha ma ġietx adottata mill-Kunsill; l-aħħar test disponibbli fuq ir-Reġistru tal-Kunsill mid-29 ta' Ġunju 2009, 5618/2/09. L-Opinjoni tal-KEPD tal-20 ta' Diċembru 2007, ĠU C 110, 1.5.2008, p. 1.
([15]) Ara n-nota numru 8 f'qiegħ il-paġna.
([16]) Ara wkoll il-paragrafu 6 u n-nota numru 6 f'qiegħ il-paġna.

24. Strument ieħor li jista' jkun ta' użu f'dan il-kuntest huwa d-Deċiżjoni Kwadru 2006/960/ĠAI dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ([17]). Dan l-istrument jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni (jiġifieri, il-marki tas-swaba' kif ukoll l-informazzjoni supplimentari) li tkun miżmuma mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri jew tkun disponibbli għalihom. Dan l-istrument ilu operattiv mit-18 ta' Diċembru 2008.

25. L-uniku strument li ilu eżistenti għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri huwa l-istrument tradizzjonali ta' assistenza legali reċiproka li skontha l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri jistgħu jfittxu aċċess għal kollezzjonijiet ta' marki tas-swaba' kriminali u mhux kriminali, inkluż dwar dawk li jfittxu asil abbażi tal-Konvenzjoni dwar Assistenza Reċiproka f'Affarijiet Kriminali.

26. Il-KEPD jemmen li huwa essenzjali li l-ewwel tkun implimentata u evalwata l-applikazzjoni tal-istrumenti l-ġodda tal-UE li jippermettu konsultazzjoni minn Stat Membru wieħed tal-marki tas-swaba' u data oħra tal-infurzar tal-liġi miżmuma minn Stat Membru ieħor bħala parti mill-valutazzjoni tan-neċessità tal-aċċess għall-Eurodac.

27. Il-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità mhux biss jimplika li l-miżura proposta hija effettiva, iżda wkoll li l-iskop previst mill-proposta ma jistax jintlaħaq bl-użu tal-għodod eżistenti. Dawk l-għodod għandhom ikunu vvalutati bir-reqqa qabel ma jibdew jitħaddmu miżuri addizzjonali/ġodda għall-ipproċessar ta' informazzjoni personali. Skont il-KEPD, għadha ma sehħitx valutazzjoni komprensiva bħal din.

## VI. IĊ-ĊIRKOSTANZI SPEĊIFIĊI TAL-KAŻ ATTWALI

28. Bħala punt ta' tluq, il-KEPD jinnota li fil-Komunikazzjoni tagħha tal-24 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni fakkret li "la t-talba għal asil u lanqas applikazzjoni għall-viża ma jindikaw b'xi mod li l-individwu, sa dak il-mument meqjus innoċenti, ser iwettaq reat jew att terroristiku" (traduzzjoni mhux uffiċjali) ([18]).

29. Il-proposti jikkonċernaw l-aċċess għal data personali ta' individwi li mhux biss fil-prinċipju mhumiex suspettati b'reat, iżda li jeħtieġu wkoll protezzjoni akbar minħabba li qed jaħarbu minn persekuzzjoni. Dawn il-persuni jirrappreżentaw popolazzjoni speċjalment vulnerabbli, u l-pożizzjoni prekarja tagħhom għandha tkun ikkunsidrata fil-valutazzjoni tan-neċessità u l-proporzjonalità tal-azzjoni proposta.

30. Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tad-Deċiżjoni proposta tiddikjara li hemm lakuna tal-informazzjoni strutturali u l-verifika peress li attwalment mhemmx sistema unika li hija aċċessibbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li tippermetti li jiġi ddeterminat jekk l-Istat Membru għandux informazzjoni dwar dak li jfittex asil.

31. Dan jista' jkun il-każ, iżda dan ma jweġibx għall-mistoqsija għaliex din l-informazzjoni hija meħtieġa għal dawk li jfittxu asil li huma, kif intqal, grupp vulnerabbli u fil-prinċipju mhux suspettati, filwaqt li informazzjoni tal-marki tas-swaba' simili mhix disponibbli lanqas dwar kwalunkwe grupp ieħor fis-soċjetà. Jista' jkun hemm raġunijiet tajbin, iżda dawn ma ngħatawx mill-Kummissjoni.

32. Il-KEPD jiġbed l-attenzjoni wkoll dwar ġustifikazzjoni ulterjuri tal-proposti. Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni għad-Deċiżjoni proposta ssemmi li f'każ li talba abbażi tad-Deċiżjoni Prüm tipproduċi riżultat pożittiv, l-informazzjoni supplimentari, inkluż data personali, tista' tinġieb fl-Istat Membru li rreġistra l-marki tas-swaba' fl-AFIS nazzjonali tiegħu bl-użu tal-liġi nazzjonali, inkluż għajnuna legali reċiproka. Madankollu, il-Kummissjoni tidher li qed tuża bħala argument wieħed fil-ġustifikazzjoni tal-proposta, il-fatt li "filwaqt li din il-proċedura tista' tirnexxi għal dawk l-Istati Membri li jżommu l-marki tas-swaba' ta' dawk li jfittxu asil flimkien ma' marki tas-swaba' oħra miġburin minn awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-AFIS nazzjonali, mhux se tirnexxi għal dawk l-Istati Membri li ma jżommux il-marki tas-swaba' ta' dawk li jfittxu asil fl-AFIS nazzjonali tagħhom sakemm ma jkunux relatati mal-kriminalità". Dan l-argument huwa ppreżentat ukoll fil-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja l-proposti.

33. Fil-fehma tal-KEPD, tali argument ma għandu l-ebda mertu. Il-ħżin sistematiku tal-marki tas-swaba' ta' dawk li jfittxu asil li ma ġewx relatati ma xi reat fl-istess bażi tad-data flimkien ma' marki tas-swaba' oħra miġbura mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi - ta' dawk li jfittxu asil u/jew persuni oħra suspettati b'reat jew ikkundannati - iqajjem tħassib serju dwar il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop u l-leġittimità tal-ipproċessar tad-data. Minflok ma tuża dan l-argument, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk dan il-ħżin sistematiku huwiex konformi mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

## VII. IŻ-ŻMIEN MAGĦŻUL TAL-PROPOSTA

34. Il-proposti huma adottati mill-Kummissjoni f'mument meta l-kuntest qed jinbidel.

([17]) ĠU L 386, 29.12.2006, p. 89.
([18]) Komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 9 ta' din l-opinjoni.

35. L-ewwel nett, l-adozzjoni tal-programm ta' Stokkolma hija mistennija f'Diċembru 2009. F'dawn ix-xhur qed isiru diskussjonijiet intensivi dwar l-abbozzar ta' dan il-programm pluriennali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-użu u l-iskambju ta' informazzjoni ser tkun kwistjoni importanti fil-programm ta' Stokkolma, inkluż l-iżvilupp ta' Mudell Ewropew ta' Informazzjoni ([19]) jew Strateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Informazzjoni għas-sigurtà ([20]). F'dan il-kuntest, il-KEPD jitlob approċċ bilanċjat fejn il-garanziji tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data huma inkorporati f'sistemi tal-informazzjoni diġà mill-aktar stadju kmieni possibbli. Relatati mill-qrib mal-Programm ta' Stokkolma huma l-attivitajiet tal-Grupp Ad Hoc dwar l-Iskambju tal-Informazzjoni fil-Kunsill. Is-suġġett tal-proposti attwali probabbilment ser ikun kopert minn dawk l-attivitajiet.

36. It-tieni nett, il-KEPD jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa għal riflessjoni dwar il-konsegwenzi tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona fuq il-leġiżlazzjoni futura relatata mal-attivitajiet tal-infurzar tal-liġi. L-ewwel konsegwenza tkun dik li kwalunkwe proposta ta' dan it-tip fil-futur tkun soġġetta għal proċedura leġislattiva ordinarja, u għalhekk timplika involviment ugwali tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew. It-tieni konsegwenza hija relatata mal-abolizzjoni tal-istruttura tal-pilastri tat-Trattat UE. It-Trattat ta' Liżbona jista' jeħtieġ li l-Kummissjoni jkollha tippreżenta proposta ġdida bbażata fuq il-bażi legali l-ġdida, possibbilment ukoll billi tgħaqqad ir-Regolament propost mad-Deċiżjoni proposta fi strument legali wieħed, li fi kwalunkwe każ jikkontribwixxi għaċ-ċarezza legali.

37. It-tielet nett, il-KEPD jesprimi dubju wkoll dwar il-ħtieġa tal-adozzjoni ta' din il-proposta fi proċedura distinta mir-riformulazzjoni ġenerali tar-Regolament tal-Eurodac u dak ta' Dublin, li għadhom ikunu diskussi fil-Parlament u fil-Kunsill. Il-konsegwenza tal-proposti attwali hija li filwaqt li d-diskussjonijiet fundamentali dwar il-modifika tas-sistema tal-Eurodac mhumiex finalizzati, l-iskop tas-sistema ser jinbidel, li jfisser ukoll modifika fundamentali oħra tas-sistema. Il-konsistenza kienet tkun żgurata aħjar kieku dawn il-proposti ngħaqdu mar-riformulazzjoni ġenerali ([21]) jew ġew posposti sa wara l-adozzjoni tal-ewwel modifika.

38. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, huwa aħjar issa li tiġi posposta l-adozzjoni tal-proposta, sabiex tkun evitata l-inċertezza legali. Il-Kummissjoni ma titlobx li l-proposti għandhom ikunu adottati b'urġenza u l-urġenza, bla dubju ta' xejn, mhijiex dimostrata minn kwalunkwe ċirkostanza oħra.

## VIII. **KOMPATIBBILTÀ MAL-ARTIKOLU 8 TAL-KEDB**

39. Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tar-Regolament propost jittratta espliċitament il-konformità mad-drittijiet fundamentali, fost l-oħrajn mal-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali. Huwa jispjega li, skont il-Kummissjoni, sabiex ikun żgurat li l-ipproċessar tad-data personali għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi ma jiksirx id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari n-neċessità u l-proporzjonalità, il-proposta tistabbilixxi kondizzjonijiet stretti.

40. Il-KEPD mhuwiex konvint minn din id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni. Hu jinnota li huwa kruċjali li jiġi vvalutat jekk il-proposti jgħaddux il-prova tal-leġittimità taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-proposti għandhom jikkonformaw mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità, b'kont meħud tal-kuntest tal-istrumenti li huma diġà disponibbli. Il-Kummissjoni għandha turi dan b'mod kredibbli fil-proposta jew fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni. F'dan ir-rigward, il-każ prinċipali huwa *S. and Marper v. the United Kingdom* ([22]).

41. Fil-Premessa (6) tad-Deċiżjoni proposta, huwa ddikjarat li "kwalunkwe tali ndħil għandu jkun skont il-liġi, li għandu jkun formulat bi preċiżjoni suffiċjenti sabiex l-individwi jkunu jistgħu jaġġustaw l-imġiba tagħhom u għandu jipproteġi l-individwi kontra l-arbitrarjetà u għandu jindika b'ċarezza suffiċjenti l-ambitu tad-diskrezzjoni mogħtija lill-awtoritajiet kompetenti u l-mod tal-eżerċizzju tagħha. Kwalunke ndħil għandu jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika sabiex jintlaħaq interess leġittimu u proporzjonat u proporzjonali għall-objettiv leġittimu li qed jimmira li jilħaq" (traduzzjoni mhux uffiċjali). Madankollu, il-premessi ma jissustanzjawx għaliex huwa meħtieġ dan l-istrument propost.

42. Huwa derivat minn każistika stabbilita ferm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li indħil għandu jkun ikkunsidrat meħtieġ f'soċjetà demokratika għal għan leġittimu kif meħtieġ mill-Artikolu 8 (2) tal-QEDB jekk huwa jwieġeb għal "bżonn soċjali imperattiv" u, b'mod partikolari, jekk huwa proporzjonat għall-għan leġittimu segwit u jekk ir-raġunijiet ippreżentati mill-awtoritajiet nazzjonali biex jiġġustifikah huma "rilevanti u suffiċjenti" ([23]). L-awtoritajiet nazzjonali jgawdu wkoll minn marġni ta' apprezzament, "li l-iskop tiegħu ser jiddependi mhux biss min-natura tal-għan leġittimu segwit iżda wkoll min-natura partikolari tal-indħil involut" ([24]). [traduzzjoni mhux uffiċjali] Hemm tendenza li l-marġni jkun aktar dejjaq fejn id-dritt ikkonċernat huwa kruċjali għat-tgawdija effettiva tad-drittijiet intimi jew ewlenin tal-individwu ([25]).

([19]) Terminoloġija użata mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tal-10 ta' Ġunju 2009, imsemmija fin-nota numru 8 f'qiegħ il-paġna.

([20]) Terminoloġija użata mill-Presidenza Żvediża.

([21]) Ara l-paragrafu 4.

([22]) Applikazzjoni konġunta 30562/04 u 30566/04, *S. and Marper v. ir-Renju Unit*, sentenza tal-4 ta' Diċembru 2008, QEDB nyr.

([23]) Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza Gillow v. ir-Renju Unit tal-24 ta' Novembru 1986, Serje A nru 109, § 55

([24]) Ara s-sentenza Leander v. l-Iżvezja tas-26 ta' Marzu 1987, Serje A nru 116, § 59. Ara wkoll is-Sentenza tal-QĠE tal-20 ta' Mejju 2003, Österreichischer Rundfunk u Kawżi Oħra Konġunti C-465/2000, C-138/01 u C-139/01, ECR [2003], p. I-4989. para 83.

([25]) Connors v. ir-Renju Unit, sentenza tas-27 ta' Mejju 2004, nru 66746/01, § 82.

43. F'dan il-kuntest, huwa primarjament meħtieġ li jkun ivvalutat l-iskop tal-ipproċessar maħsub tad-data personali: l-iskop ġie identifikat b'mod ċar, u jipprovdi evidenza għan-neċessità u l-proporzjonalità tiegħu? Għandu jkun ippruvat ukoll li ma jkun disponibbli l-ebda mezz ieħor li jkun inqas invażiv biex jinkiseb l-iskop maħsub.

44. Il-proposta tafferma li l-iskop tas-sistema tal-Eurodac inbidel meta mqabbel ma' dak inizjali, kif spjegat fil-Premessa 6 tad-deċiżjoni proposta ([26]). Madankollu, bidla sempliċi ta' test leġiżlattiv mhix ser tirriżulta f'miżura li hija kompatibbli mal-Artikolu 8 tal-KEDB. Wieħed jista' jargumenta wkoll li l-bidla leġiżlattiva ma tirriżulta bl-ebda mod f'bidla tal-iskop. Fil-futur, id-data ser tinħażen ukoll fis-sistema Eurodac għall-iskop uniku tal-faċilitazzjoni tal-applikazzjoni tar-regolament ta' Dublin. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri ser ikollhom aċċess f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali biss, kif diskuss qabel f'din l-opinjoni. Għalhekk, il-proposti ma jbiddlux l-iskop, iżda għandhom jitqiesu bħala eċċezzjonijiet għall-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, li jista' jkun permess taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 95/46/KE, taħt ċerti kondizzjonijiet. Għalhekk, il-KEPD mhuwiex konvint li dawn il-kondizzjonijiet huma sodisfatti fil-każ attwali.

45. Il-KEPD jissottolinja f'dan il-kuntest li d-dikjarazzjoni biss ta' bidla fl-iskop tal-proposta leġiżlattiva ma jagħmilhiex aċċettabbli. Bidla leġiżlattiva fiha nfisha ma twassalx għal valutazzjoni differenti ta' jekk il-proposti humiex meħtieġa f'soċjetà demokratika, proporzjonata u aċċettabbli mod ieħor taħt id-dispożizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu preċedenti.

46. In-natura intrużiva tal-istrumenti proposti mill-Kummissjoni hija evidenti. Madankollu, l-utilità u n-neċessità tagħhom huma l-bogħod milli jkunu murija fil-proposti. In-neċessità għandha tkun ippruvata mid-dimostrazzjoni ta' evidenza sostanzjali ta' rabta bejn l-applikanti għal asil u t-terroriżmu u/jew kriminalità serja. Dan ma sarx fil-proposti. Huwa minnu li s-suspettati setgħu daħlu fit-territorju tal-UE billi ppreżentaw talba għall-asil falza. Madankollu, il-fatt li dan huwa xenarju possibbli ma jfissirx li din hija tendenza ġenerali li tiġġustifika l-adozzjoni tal-istrumenti.

47. Ta' tħassib partikolari wkoll fil-kuntest attwali huwa r-riskju ta' stigmatizzazzjoni, li jirriżulta mill-fatt li persuni fil-pożizzjoni tal-applikanti, li ma jkunux ġew ikkundannati għall-ebda reat u li huma intitolati għall-preżunzjoni ta' innoċenza, huwa ttrattati fl-istess mod bħal suspettati *a priori* ([27]). F'dan ir-rigward, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iżomm preżenti li d-dritt ta' kull persuna skont il-Konvenzjoni li jkun preżunt innoċenti jinkludi r-regola ġenerali li l-ebda suspett rigward l-innoċenza ta' persuna ma tista' tissemma wara l-liberazzjoni tagħha ([28]).

([26]) Ara l-paragrafu 8 ta' din l-opinjoni.

([27]) S u Marper,

([28]) Asan Rushiti v. l-Awstrija, nru 28389/95, § 31, 21 ta' Marzu 2000, b'referenzi ulterjuri, 33 EHRR 56

48. Barra minn hekk, il-KEPD jemmen li argument possibbli li aċċess dirett mill-infurzar tal-liġi għall-Eurodac huwa konvenjenti, faċli u malajr m'għandux ikun biżżejjed biex il-proposta tgħaddi l-prova tan-neċessità. Id-dimostrazzjoni tan-neċessità ma tistax tkun ibbażata fuq sempliċi utilità tal-aċċess anke taħt salvagwardji stretti ta' protezzjoni tad-data. Fil-qosor, il-KEPD għandu dubji konsiderevoli dwar jekk il-proposti humiex leġittimi taħt l-Artikolu 8 tal-QEDB.

## IX. **FTIT KUMMENTI DWAR IS-SUSTANZA**

49. Permezz ta' "obiter dictum" biss, il-KEPD jirrakkomanda speċifikazzjoni li għandha ssir fit-test tal-Artikolu 2 *bis* tar-Regolament propost jew, bħala alternattiva għal din tal-aħħar, issir żieda fid-Deċiżjoni proposta li aċċess għall-Eurodac jista' jingħata lil awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi meta huma jkollhom raġuni speċifika li jemmnu li persuna suspettata kienet applikat għal asil preċedentement. Dan huwa ssuġġerit fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni, iżda mhux inkluż fit-test tal-proposta nfisha. Il-KEPD jemmen li tali salvagwardja jkollha valur miżjud importanti. Madankollu, dan is-suġġeriment fih innifsu ma jfissirx li l-KEPD jaċċetta l-prinċipju tal-aċċess tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-Eurodac. Dan għandu jinftiehem bħala rakkomandazzjoni sussidjarja.

50. Il-KEPD jinnota wkoll li l-kriterji stretti għall-aċċess għall-Eurodac minn awtoritajiet maħtura ([29]) ma japplikawx għall-aċċess għad-data tal-Eurodac mill-Europol. Talbiet għal tqabbil mill-Europol huma permessi għall-iskopijiet ta' analiżi speċifika jew analiżi ta' natura ġenerali u ta' tip strateġiku. Il-KEPD jistaqsi kif il-faċilitajiet usa' għall-Europol jistgħu jikkonformaw mar-raġunament ipprovdut mill-Kummissjoni, jiġifieri li l-aċċess huwa meħtieġ biss għal każijiet speċifiċi, taħt ċirkostanzi speċifiċi u taħt kondizzjonijiet stretti.

## X. **KONKLUŻJONI**

51. Il-KEPD għandu dubji serji dwar jekk dawn il-proposti humiex leġittimi u jekk l-istrumenti leġiżlattivi għandhomx ikunu adottati abbażi ta' dawn il-proposti. Dawn id-dubji huma bbażati fuq il-konsiderazzjonijiet f'din l-opinjoni li, fil-qosor, huma kif ġej.

52. Il-KEPD jixtieq jenfasizza li skambju aħjar ta' informazzjoni huwa mira ta' politika essenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-gvernijiet jeħtieġu strumenti adegwati biex jiggarantixxu s-sigurtà taċ-ċittadin, iżda fis-soċjetà Ewropea tagħna huma għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin. Huwa l-kompitu tal-leġislatur tal-UE li jiżgura dan il-bilanċ.

([29]) L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni proposta; ara l-paragrafu 6 ta' din l-opinjoni.

53. Miżuri għall-ġlieda kontra reati terroristiċi u reati serji oħra jistgħu jkunu raġuni leġittima biex jippermettu l-ipproċessar ta' data personali, dment li n-neċessità tal-intrużjoni hija appoġġata minn elementi ċari u li wieħed ma jistax jiċħad, u l-proporzjonalità tal-ipproċessar hija ppruvata. Dan huwa meħtieġ dejjem aktar peress li l-proposti jikkonċernaw grupp vulnerabbli li jeħtieġ protezzjoni akbar minħabba li huma qed jaħarbu minn persekuzzjoni. Il-pożizzjoni prekarja tagħhom għandha tkun ikkunsidrata fil-valutazzjoni tan-neċessità u l-proporzjonalità tal-azzjoni proposta. Il-KEPD jindika wkoll ir-riskju tal-istigmatizzazzjoni.

54. Il-KEPD jirrakkomanda valutazzjoni tal-leġittimità tal-proposti f'kuntest usa', notevolment:

(a) It-tendenza li jingħata aċċess lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għad-data personali ta' individwi li mhumiex suspettati b'reat u li nġabru għal skopijiet oħra.

(b) Il-ħtieġa għal valutazzjoni każ b'każ ta' kull proposta ta' dan it-tip u għal viżjoni koerenti, komprensiva u orjentata lejn il-futur, preferibbilment b'relazzjoni mal-programm ta' Stokkolma.

(c) Il-ħtieġa biex l-ewwel tkun implimentata u evalwata l-applikazzjoni ta' strumenti ġodda oħra tal-UE li jippermettu konsultazzjoni minn Stat Membru wieħed tal-marki tas-swaba' u data oħra relatata mal-infurzar tal-liġi miżmuma minn Stat Membru ieħor.

(d) L-urġenza tal-proposta, f'relazzjoni mal-ambjent legali u politiku li qed jinbidel.

55. Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-proposti mal-Artikolu 8 tal-QEDB, il-KEPD għandu dubju dwar il-bidla tal-iskop tas-sistema u jissottolinja li s-sempliċi dikjarazzjoni tal-bidla fl-iskop fi proposta leġiżlattiva ma tikkostitwixxix tali bidla. Barra minn hekk, bidla leġiżlattiva fiha nfisha ma twassalx għal valutazzjoni differenti ta' jekk il-proposti humiex meħtieġa f'soċjetà demokratika, proporzjonata u aċċettabbli mod ieħor, notevolment bil-ħsieb tar-regoli dwar il-limitazzjoni tal-iskop fid-Direttiva 95/46/KE.

56. Il-KEPD jenfasizza li n-neċessità għandha tkun ippruvata mid-dimostrazzjoni ta' evidenza sostanzjali ta' rabta bejn l-applikanti għal asil u t-terroriżmu u/jew kriminalità serja. Dan ma sarx fil-proposti.

57. Fl-aħħar nett, il-KEPD jilqa' b'apprezzament li hu jiġi kkonsultat u jirrakkomanda li ssir referenza għall-konsultazzjoni tiegħu fil-premessi tal-proposta, b'mod simili għal numru ta' testi leġiżlattivi oħra li dwarhom il-KEPD kien ikkonsultat, skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001. Huwa jagħmel ukoll ftit kummenti dwar it-testi sostantivi tal-proposti.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Ottubru 2009

Peter HUSTINX

*Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*